

**ANNEX III**

**EMENDI FIS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT  
FULJETT TA' TAGĦRIF**

**Dawn l-emendi fl-SPC u fuljett ta' tagħrif huma validi minn meta tittieħdet id-deċiżjoni mill-Kummissjoni.**

**Wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni mill-Kummissjoni, l-Awtorita' Kompetenti ta' l-Istat Membru ser taġġorna l-informazzjoni fuq il-prodott kif meħtieġ**

## **SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT**

## EMENDI LI GĦANDHOM JIĠU INKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL PRODOTTI LI FIHOM VALPROIC ACID U/JEW SODIUM VALPROATE, KIF INHU RILEVANTI

### 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

[ ]

Trattament ta' episodju ta' manija f'mard bipolari meta lithium huwa kontra-indikat jew mhuwiex ittollerat. Il-kontinwazzjoni tal-kura wara episodju ta' manija tista' tiġi kkunsidrata f'pazjenti li rrispondew għal <valproate> f'manija akuta.

[ ]

### 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

[...]

Episodji ta' manija f'mard bipolari:

*Fl-adulti:*

Id-dożaġġ ta' kuljum għandu jiġi stabbilit u kkontrollat skont l-individwu mill-ispeċjalista kuranti. Id-doża ta' kuljum inizjali rakkomandata hija ta' 750 mg. Barra dan, fil-provi kliniċi, doża inizjali ta' 20 mg <valproate>/kg ta' piż tal-ġisem uriet ukoll profil ta' sigurtà aċċettabbli. Formulazzjonijiet li jerġu l-mediċina bil-mod jistgħu jingħataw darba jew darbtejn kuljum. Id-doża għandha tiġi miżjuda malajr kemm jista' jkun sabiex jintlaħqu l-anqas dożi terapewtiċi li jagħtu l-effett kliniku meħtieġ. Id-doża ta' kuljum għandha tiġi adattata għar-rispons kliniku sabiex tiġi stabbilita l-anqas doża effettiva għall-pazjent individwali.

Id-doża medja ta' kuljum normalment tvarja bejn 1 000 u 2 000 mg <valproate>. Pazjenti li kuljum jirċievu dożi akbar minn 45mg/kg/jum ta' piż tal-ġisem għandhom jiġu mmonitorjati b'attenzjoni. Il-kontinwazzjoni tal-kura f'episodji ta' manija f'mard bipolari għandha tiġi adattata skont l-individwu billi tintuża l-anqas doża effettiva.

*Fit-tfal u fl-adolesxenti:*

Is-sigurtà u l-effikaċja ta' [isem ivvintat] għall-kura ta' episodji ta' manija f'mard bipolari ma ġewx evalwati f'pazjenti taħt it-18-il sena.

[ ]

### 4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

[...]

F'ħafna indikazzjonijiet fejn pazjenti ġew ikkurati b'sustanzi antiepilettiċi ġew irrappurtati mgħiba u ideat ta' suwiċidju. Analiżi ta' ħafna studji kkontrollati bil-plaċebo u magħmula b'mod arbitrarju ta' mediċini antiepilettiċi wkoll uriet żieda żgħira fir-riskju ta' mgħiba u ideat ta' suwiċidju. Il-mekkaniżmu ta' dan ir-riskju mhuwiex magħruf u t-tagħrif disponibbli ma jeskludix il-possibbiltà ta' żieda fir-riskju għal <sustanza attiva>. Għalhekk il-pazjenti għandhom jiġu mmonitorjati għal sinjali ta' mgħiba u ideat ta' suwiċidju u għandha tiġi kkunsidrata l-kura adattata. Il-pazjenti (u dawk li qed jgħinu l-pazjenti) għandhom jiġu avżati biex ifittxu parir mediku jekk jibdedw jidhru xi sinjali ta' mgħiba jew ideat ta' suwiċidju.

[...]

#### **4.6 Tqala u treddigħ**

Din il-mediċina m'għandiex tintuża waqt it-tqala u f'nisa li jistgħu joħorġu tqal ħlief meta hemm bżonn ċar (jiġifieri f'sitwazzjonijiet fejn trattamenti oħra mhux effettivi jew mhux ittollerati). Waqt it-trattament, nisa li jistgħu joħorġu tqal għandhom jużaw kontraazzjoni effettiva.

#### **4.8 Effetti mhux mixtieqa**

[...]

Tqalligħ, sedazzjoni, disturbi ekstrapiramidali

[...]

**FULJETT TA' TAGĦRIF**

# EMENDI LI GĦANDHOM JIĠU INKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET TAL-FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL PRODOTTI LI FIHOM VALPROIC ACID U/JEW SODIUM VALPROATE, KIF INHU RILEVANTI

## 1. X'INHU {ISEM IVVINTAT} U GĦALXIEX JINTUŻA

{ISEM IVVINTAT} huwa mediċina għall-kura ta (...) u manija.

{ISEM IVVINTAT} jintuża fil-kura ta'

[...]

-Manija, fejn tista' tħossok eċċitat ħafna, ewforiku, aġitat, entużjast jew iperattiv. Manija sseħħ f'marda li tissejjaħ "marda bipolari". {ISEM IVVINTAT} jista' jintuża meta ma jstax jintuża lithium.

## 2. QABEL MA TIEĦU {ISEM IVVINTAT}

[...]

### **Oqgħod attent ħafna b' {ISEM IVVINTAT}**

Numru żgħir ta' nies li kienu qed jiġu kkurati b'anti-epilettiċi bħal {ISEM IVVINTAT} kellhom ideat biex iweggħu jew joqtlu lilhom infushom. Jekk fi kwalunkwe ħin ikollok dawn l-ideat, ikkuntattja minnufih lit-tabib tiegħek.

### **Tfal u adolexxenti**

Tfal u adolexxenti taħt it-18-il sena:

Għall-kura ta' manija, {ISEM IVVINTAT} m'għandux jintuża fit-tfal u fl-adolexxenti taħt it-18-il sena.

### **Tqala u treddigħ**

M'għandekx tieħu din il-mediċina jekk inti tqila jew tista' toħroġ tqila sakemm ma jkunx tak parir b'mod espliċitu t-tabib tiegħek. Jekk inti mara f'età li tista' toħroġ tqila, trid tuża kontraċezzjoni effettiva waqt il-kura. .

[...]

## 3. KIF GħANDEK TIEĦU {ISEM IVVINTAT}

[...]

### **Manija**

Id-dożaġġ ta' kuljum għandu jiġi stabbilit u kkontrollat b'mod individwali mit-tabib tiegħek.

Id-doża inizjali

Fil-bidu, id-doża rakkomandata hija ta' 750 mg kuljum.

Id-doża medja ta' kuljum

Id-dożi rakkomandati normalment ivarjaw bejn 1000 mg u 2000 mg kuljum.

[...]

## 4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU

[...]

Tqalligħ, sedazzjoni, disturbi ekstrapiramidali.

[...]